# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 222/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Adrian Zammit**

Illum is-sitta (6) ta' Marzu 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Adrian Zammit**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 191395(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2019 u fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'

Malta) lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta' Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 Għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. (292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (ketamine) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

3. ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

4. ittraffika, biegħ, qassam jew offra li jittraffika, ibiegħ jew iqassam mediċina psikotropika u ristretta (MDMA) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza

dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

5. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (ketamine) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

7. kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u speċifikata (MDMA) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Għandhom X'Jaqsmu Magħha (Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta) u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Avviż Legali 22 tal-1985) kif emendati;

8. naqas milli jħares xi waħda u/jew iktar minn waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. datat nhar it-22 ta' Awwissu 2017 li permezz tiegħu ngħata l-ħelsien minn l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkommettix reat ieħor;

talli nhar il-25 ta' Mejju 2019 f'dawn il-Gżejjer:

9. mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissarju ġibed ritratt jew filmat f'post tal-votazzjoni f'xi jum tal-votazzjoni u dan bi ksur ta' Artikolu 112(1)(k) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll li titratta ma' l-imputat bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mogħtija lilu, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2021, fejn il-Qorti, filwaqt li ma sabitx lill-imputat ħati tal-addebitu tar-reċidiva u lliberatu minnu, wara li rat Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i)(ii), u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 3 u 5 tal-Avviż Legali 22 tal-1985, Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i)(ii) u Taqsimiet 4 u 6 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 4 u 9 tal-Avviż Legali 292 tal-1939, u Artikolu 112(1)(k) tal-Kapitolu 354 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu u:

- ikkundannatu sentejn priġunerija u multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500);

- ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu u garanzija msemmija fid-digriet tat-22 ta' Awwissu 2017 fl-ammont totali ta' tnax-il elf Euro (€12,000) u filwaqt li rrevokat l-imsemmi digriet, ordnat ir-riarrest immedjat tal-imputat;

- b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tmien mija, tmienja u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€848.58) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

- ordnat il-konfiska tal-*mobile phone* Dok. "MM 6";

- ordnat id-distruzzjoni tad-droga u oġġetti eżebiti Dok. "MM 7", Dok. "MM 8", Dok. "MM 9", Dok. "MM 10" u Dok. "MM 11" u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-23 ta' April 2021 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***<u>TIRRIFORMA</u>*** *s-sentenza appellata fejn* **<u>TIKKONFERMAHA</u>** *fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva iżda* ***<u>TĦASSARHA U TIRREVOKAHA</u>*** *fil-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-bqija tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u b'hekk* ***TIDDIKJARAH*** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* ***TILLIBERAH*** *minnhom; u fin-nuqqas ta' dan* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena nflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi, fis-seduta tal-4 ta' April 2022 (*a fol.* 221 *et seq.*), din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Rat in-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-23 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 281), fit-2 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 280), u fl-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 285) fejn il-Bord informa lil din il-Qorti li ma kienx sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu bħala

wieħed mhux b'suċċess b'konsegwenza ta' liema, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 287), din il-Qorti kif preseduta waqfet milli tibqa' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' April 2021.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn din ma sabitux ħati tal-addebitu tar-reċidiva filwaqt li tħassarha fejn hija sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra. Fin-nuqqas ta' dan jitlob piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Illi l-fatti tal-każ jirrigwardaw sejbien ta' droga meta fit-30 ta' Mejju 2019 diversi Pulizija ġew mogħtija l-ordni sabiex jattendu għal *party* bl-isem "Earth Garden" minħabba pussess u traffikar ta' droga. Fost numru ta' persuni ġie arrestat l-appellant fejn fuq il-persuna tiegħu nstab *joint* u likwidu suspettat MDMA. Wara li ġie mistoqsi, il-Pulizija marru wkoll id-dar fejn kien allegatament joqgħod u fil-kamra tiegħu nstabu *roach* u *crusher* iżda fil-kamra ma kienx hemm ħwejjeġ u għalhekk il-Pulizija kienu tal-fehma li huwa ma kienx joqgħod hemm. Sadanittant fuq il-persuna tal-appellant moħbija fil-kalzetta nstab qartas. Wara li l-Pulizija sabu l-indirizz proprju tal-appellant huma għamlu tfittxija fejn instabu numru ta' affarijiet relatati ma' droga. L-appellant spjega lill-Pulizija li jabbuża mid-droga u li kien ilu b'din il-problema. Huwa spjega li jabbuża mill-*cannabis* u MDMA.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-erba' aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu jkun opportun li din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta dwar il-fatt li d-droga misjuba ġiet analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut f'laboratorju li dak iż-żmien ma kienx akkreditat u skont hu dan iwassal għal nuqqasijiet u preġudizzju fil-konfront tiegħu stante n-nuqqas ta' *standards* neċessarji. Jispjega li dan ma jwassalx għal serħan il-moħħ tiegħu li din l-analiżi hija konformi mal-liġi. Ikompli li dan jilledi d-dritt fundamentali tiegħu minħabba li l-

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

laboratorju in kwistjoni mhux konformi la mal-Leġislazzjoni Sussidjarja u lanqas mal-liġi Ewropea. Jisħaq li l-analizzar tad-droga f'laboratorju mhux akkreditat ifisser illi l-proċess mhuwiex qiegħed jimxi mal-istandards Ewropej ta' kif għandu jsir l-analizzar senjatament kif għandu jsir l-eżami tad-drogi, l-istrument kif iridu jiġu kkalibrati, u l-ambjent ta' fejn qiegħed isir l-analiżi. Ikompli li dan kollu jwassal sabiex jinħolqu dubju serji fuq l-istess eżami tad-droga u eventwalment fuq ir-rapport tax-Xjenzat.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Theresa Agius** (Numru 524/2013) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Artikolu 3 tal-Liġi Sussidjarja 460.31 jispeċifika b'mod ċar l-għan wara l-Liġi Sussidjarja:–
>
> > **"Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Forrnituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:**
> >
> > **(a) profil tad-DNA; u**
> >
> > **(b) data dattiloskopika**".
>
> Illi, l-istess Liġi Sussidjarja, kif intqal aktar 'il fuq ġiet trasposta mid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill Ewropew fuq imsemmija, fejn l-oġġettivi ta' l-istess jistabbilixxu li dan il-qafas regolatorju għandu jkopri unikament ***"DNA profiles and dactyloscopic data"*** **għaliex l-istess** ***"are not only used in criminal proceedings but are also crucial for the identification of victims, particularly after disasters".*** Dan għaliex ***(8) Pursuant to Article 7(4)***

***of Council Decision 2008/616/JHA of 23 June 2008 on the implementation of Decision 2008/615/JHA on the stepping up of crossborder cooperation, particularly in combating terrorism and cross-border crime, Member States shall take the necessary measures to guarantee the integrity of DNA profiles made available or sent for comparison to other Member States and to ensure that these measures comply with international standards, such as EN ISO/IEC 17025 'General requirements for the competence of testing and calibration laboratories' (hereinafter 'EN ISO/IEC 17025')***. Jikkonsegwi għalhekk li l-akkreditar huwa meħtieġ biss għat-teħid tal-impronti tas-swaba' u l-elevazzjoni tat-traċċi ta' DNA u xejn aktar.

Illi huwa minnu ukoll li b'referenza għall-istandards EN ISO/IEC 17025, l-Artikolu 4 tal-LS 460.31 jistipola li –

> **"L-għan ta' dan l-Ordni huwa sabiex:**
>
> **(a) jiġi żgurat li r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqa minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet Maltin responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi domestiċi akkreditati għall-ENISO/IEC 17025;**
>
> **(b) li jiġi żgurat li fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji f'Malta jiġu akkreditati b'konformita' mal-EN ISO/IEC 17025".**

Illi din l-Qorti tisħaq li dan kollu għandu jittieħed fil-kuntest tal-Qafas u ta' dak li speċifikament l-istess qed jirregola. Di fatti l-Qafas jispjega li:–

> **"That objective is to be achieved by preventing and combating crime through closer cooperation between law enforcement authorities in the Member States, while respecting the principles and rules relating to human rights, fundamental freedoms and the rule of law on which the Union is founded and which are common to the Member States."**

Dan ifisser illi l-għan wara d-Deċiżjoni Kwadru huwa illi jkun hemm ko-operazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-kriminalita' u dan billi fl-iskambju ta' informazzjoni dwar attivitajiet kriminali, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jipprevjenu, jikxfu u jinvestigaw b'suċċess attivitajiet kriminali bil-ħtieġa allura li jkunu stabbiliti *standards* komuni għal fornituri ta' servizzi forensiċi. Mhuwiex l-għan wara din il-liġi illi tistabbilixxi regoli ġodda dwar l-ammissibbilta' ta' evidenza jew il-valur probatorju ta' l-istess kif speċifikat fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Qafas innifisha fejn jingħad ċar u tond illi: **"Din id-Deċiżjoni Qafas ma taffettwax ir-regoli nazzjonali dwar il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza"**, bil-Preambolu 16 jispeċifika fl-għanijiet tad-Deċiżjoni Kwadru illi:

> *This Framework Decision does not aim to harmonise national rules regarding the judicial assessment of forensic evidence.*

Illi għaldaqstant huwa ormai palezi li din il-liġi tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31, aktar - il fuq iċċitat. *In oltre*, l-għan wara l-liġi hija li jkun hemm *standards* fir-rigward tal-attivita' fil-laboratorji forensiċi

fl-Istati Membri li jkunu uniformi u mhux li b'xi mod ikun hemm indħil fil-mod kif l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' kull Stat Membru jivvalutaw ġudizzjarjament l-evidenza. Kwindi ma għandux ifisser illi għaliex l-analiżi forensika tad-droga ma tkunx saret f'laboratorju awtomatikament dik l-analiżi hija nieqsa minn valur probatorju jew hija difettuża, kwistjoni li trid tiġi determinata biss mill-evidenza u mhux għaliex il-laboratorju ma jkunx wieħed akkreditat."

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq appena ċitat bħala konsegwenza ta' liema l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa dwar l-applikabbilita' ta' Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant iqies li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu msemmi huma sodisfatti u li għalhekk huwa għandu jiġi riferut lill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Jispjega li din il-Qorti għandha tapplika l-*proviso* ta' Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li ladarba l-Qorti hija sodisfatta fuq bilanċ ta' probabilitajiet illi r-reati li dwarhom huwa nstab ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-Ordni ta' *Probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-4 ta' April 2022 (*a fol.* 221 *et seq.*), din il-Qorti kif diversament preseduta laqgħet it-talba tal-appellant sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u konsegwentement irreferietu quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga. Għal kull buon fini jingħad ukoll, bħal ma diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, li fin-Noti ppreżentati mill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fit-23 ta' Awwissu 2024 (*a fol.* 281), fit-2 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 280) u fl-14 ta' Ottubru 2024 (*a fol.* 285), il-Bord informa lil din il-Qorti li ma kienx

sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-appellant u fejn għalaq il-każ tiegħu bħala wieħed mhux b'suċċess b'konsegwenza ta' liema, fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2025 (*a fol.* 287), din il-Qorti kif preseduta waqfet milli tibqa' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Illi b'hekk l-aggravju in eżami jirriżulta li ġie eżawriet bil-konsegwenza li din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jirrileva li bl-emendi li daħlu fis-seħħ permezz ta' Att VIII tal-2015 id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta nbidlu fis-sens illi issa ddaħħlet dispożizzjoni mandatorja li ma tħalli l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti billi l-konfiska tal-garanzija jew depożitu għandha tassattivament issir dejjem immaterjalment jekk il-ksur ikunx wieħed serju jew *de minimis*. Ikompli li din l-emenda tilledi d-drittijiet kostituzzjonali tiegħu. Itenni li jrid jkun hemm element ta' proporzjonalita' bejn l-allegat ksur u l-piena erogata. Jilmenta li huwa mħolli f'idejn il-Prosekutur jekk u kif meta jkun hemm kwalunkwe tip ta' ksur iressaqx b'arrest jew inkella jagħmilx Rikors fl-atti tal-kawża fejn il-persuna ngħata l-ħelsien mill-arrest u li tali diskrezzjoni toħloq abbuż u diskriminazzjoni. Jagħmel riferenza għall-fatt li tressaq abbozz ta' liġi sabiex jemenda Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi filwaqt li din il-Qorti tinnota li hija ma għandhiex ġurisdizzjoni li tiddeċiedi kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali pero' fl-istess waqt tinnota wkoll li wara li ġie ppreżentat ir-Rikors tal-appell mertu ta' din is-sentenza li qed tingħata llum, fl-4 ta' Ġunju 2021 ġie mgħoddi Att Numru XXIX tal-2021 fejn Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat b'dan il-mod:

> "L-artikolu 579 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-proviso tas-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "Iżda din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skont kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.""

Illi permezz tal-bidla li saret b'Att Numru XXIX tal-2021 is-sitwazzjoni hija aktar favorevoli għall-appellant. Għaldaqstant, minħabba din ir-raġuni t-tielet aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ sabiex jirrifletti din il-bidla fil-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-raba' aggravju l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu u ċioè dik ta' sentejn priġunerija u multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500). Jgħid li din il-piena hija waħda eżaġerata u sproporzjonata. Isemmi li bosta drabi l-Qorti qalu li l-piena għandha sservi bħala mezz riformattiv a skapitu tal-element deterrenti. Jispjega li huwa persuna li qabad it-triq it-tajba fejn ma għadux jabbuża mid-droga u għandu xogħol stabbli. Jgħid li l-piena erogata kemm fil-kwalita kif ukoll fil-kwantita ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-

> emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant allura imputat sentejn priġunerija u multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500) u dana apparti li ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu u garanzija msemmija fid-digriet tat-22 ta' Awwissu 2017 fl-ammont totali ta' tnax-il elf Euro (€12,000) u filwaqt li rrevokat id-digriet imsemmi, ordnat l-arrest mill-ġdid tal-appellant.

Illi meħud in konsiderazzjoni tal-fatt li din il-Qorti laqgħet it-tielet aggravju tal-appellant minħabba r-raġuni msemmija aktar 'il fuq din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti b'mod partikolari minħabba l-bidla fil-liġi fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni.

Illi għal kull buon fini jingħad li quddiem din il-Qorti wieħed mill-konsulenti legali tal-appellant saħaq li minn Gunju 2024 l-patroċinat tiegħu beda jsegwi programm residenzjali tal-Caritas kontra l-vizzju tad-droga ġewwa San Blas u li qed ikun segwit u li sejjer tajjeb ħafna. Dwar dan din il-Qorti tinnota li minkejja li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant anqas kellu l-ħeġġa neċessarja sabiex jispiċċa b'suċċess il-proċess quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dana minkejja li din il-Qorti laqgħet it-talba tiegħu sabiex hija tassumi funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, liema talba ġiet revokata wara li l-Bord imsemmi għalaq il-każ tal-appellant bħala wieħed mhux suċċess

pero' fl-istess waqt din il-Qorti ma tistax ma tinnutax dak li ngħad minnha fil-paragrafu preċedenti nkluż il-fedina penali tal-appellant li ma jistax jingħad li hija waħda refrattarja ħafna. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tnaqqas is-sentejn priġunerija li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant b'dan illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tnaqqas il-multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500). Fir-rigward tat-tmien (8) imputazzjoni, din il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma għandhiex tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-garanzija ta' għaxart elef Euro (€10,000) li tissemma fid-digriet tat-22 ta' Awwissu 2017 b'dan illi l-konfiska tad-depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) imsemmi fl-istess digriet għandha tibqa' fis-seħħ. Din il-Qorti ma tarax raġuni għala għandha tvarja l-ordni fejn irrevokat id-digriet imsemmi u fejn ordnat l-arrest mill-ġdid tal-appellant allura imputat. B'hekk isegwi li anke r-raba' aggravju tal-appellant qed ikun milqugħ bil-mod kif hawn fuq imsemmi.

Illi l-appellant għandu jifhem li jekk verament irid ibiddel ħajtu, huwa għandu **verament** jagħmel l-isforzi kollha tiegħu sabiex jibdel ħatju. Din il-Qorti tagħtu opportunita' tad-deheb meta assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga bil-konsegwenza ta' liema, kieku l-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga għalaq il-każ tiegħu b'suċċess, kieku huwa seta' jibbenifika minn piena ferm u ferm aħjar għalih.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Adrian Zammit u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-addebitu tar-reċidiva u li minnu ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat sentejn priġunerija u minflok tikkundannah għoxrin (20) xahar priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu u garanzija msemmija fid-digriet tat-22 ta' Awwissu 2017 fl-ammont totali ta' tnax-il elf Euro (€12,000) u minflok tordna l-konfiska biss favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' elfejn Euro (€2,000) imsemmi fl-istess digriet;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn irrevokat id-digriet tat-22 ta' Awwissu 2017 u fejn ordnat ir-riarrest immedjat tal-appellant;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-appellant biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' tmien mija, tmienja u erbgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€848.58) rappreżentanti spejjeż inkorsi mal-ħatra ta' esperti;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-*mobile phone* Dok. "MM 6";

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u oġġetti eżebiti Dok. "MM 7", Dok. "MM 8", Dok. "MM 9", Dok. "MM 10" u Dok. "MM 11" u

dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**